# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 129/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Rita Borg**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata **Rita Borg**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 258568(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-5 ta' Mejju 2013, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar u tliet xhur qabel din il-ġurnata:

1. bil-ħsieb li tagħmel ħsara lil William Micallef, akkużat lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innoċenti;

2. iddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq ħolqot traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2017, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 101 u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha u għalhekk illiberata minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-23 ta' Marzu 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellata ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha u sussegwentement tinfliġġi l-piena skont il-liġi rilevanti u li tkun ġusta u adegwata għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell mill-appellant Avukat Ġenerali wara li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellata mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma li l-appellata Borg kellha relazzjoni extra matrimonjali mal-*parte civile* William Micallef minn liema relazzjoni kellhom tifla. Jirriżulta li wara li kellhom it-tifla s-sitwazzjoni bejniethom inbidlet u ma baqgħetx dik li kienet u wara

li għamel test tad-DNA u l-*parte civile* kellu konferma li t-tifla kienet tiegħu, huwa insista li jkollu relazzjoni mat-tifla.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li l-partijiet jagħtu verżjonijiet totalment differenti dwar kważi kwalunkwe ħaġa: kemm jekk hux fuq it-tul tar-relazzjoni tagħhom u anke dwar ir-relazzjoni tagħhom. Filwaqt li l-appellata tgħid li kien ilhom xi sena u nofs flimkien, il-*parte civile* jgħid li kienu ilhom tliet snin u li kienu kuntenti ħafna flimkien u li ferħu meta l-appellata ħarġet tqila. Minn naħa tagħha, l-appellata tgħid li l-*parte civile* kien jheddidha u li għalhekk kienet miegħu.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ, tinnota wkoll li jkun opportun li ssir riferenza għas-segwenti partijiet minn dawn l-atti:

- Fil-*Process Verbal* (*a fol.* 16 *et seq.*) dwar rapport mill-iSptar Mater Dei fuq allegat abbuż sesswali fuq il-minuri bint l-appellata u l-*parte civile,* l-Uffiċjal Investigattiv informa lill-Maġistrat Inkwirenti li ċertu Rita Borg allegat li t-tifla tagħha ta' tliet snin kellha suspett li kienet qed ġiet abbużata sesswalment minn missierha William Micallef. Fl-Inkjesta Maġisterjali msemmija, il-Maġistrat Inkwirenti għamel tiegħu l-konklużjonijiet tal-Espert Forensiku Dr. Mario Scerri li kkonkluda li ma kienx hemm indikazzjonijiet forensiċi li t-tifla kienet qed tkun abbużata fiżikament jew sesswalment.

- Il-*parte civile* **William Micallef** (*a fol.* 62 *et seq.*) xehed dwar ir-relazzjoni mal-appellata Rita Borg u jgħid li meta l-appellata ħarġet tqila hija qaltlu li ried jagħtiha xi ħaġa tal-flus u hu taha madwar elfejn Euro (€2,000). Jgħid li wara spiċċat tagħmillu theddid li tpoġġi t-tifla wara l-bieb jekk ma jagħtihiex flus. Jixhed li waqt il-medjazzjoni sar ħafna twerżieq u ħammġitu billi qalet li kien il-ħabs u li jbigħ id-drogi. Jgħid li wara reġgħu bdew joħorġu flimkien u sadanittant kellmet lil martu u qaltilha li kien qed jabbuża mit-tifla. F'mument minnhom kienet qaltlu li mhux ser tiltaqa' miegħu aktar u biex ma jixkifhiex mar-raġel tagħha.

Jgħid li l-appellata qaltlu biex ma jikxifhiex li reġgħu kienu qed joħorġu flimkien għaliex inkella r-raġel kien ser ikeċċiha 'l barra u hi tagħmillu rapport li kien abbuża minn bintu. Jgħid li fil-Qorti tal-Familja tqabbdu żewġ esperti iżda ma sabu xejn. Jixhed li xi ġimagħtejn wara t-theddid it-tifla kienet għandu u għamlet ċerta mossi u qaltlu li hu jagħmlilha hekk. Jgħid: *"bdiet tagħmilli b'subgħajja ta', sejra 'l hemm u 'l hawn, daret wiċċha 'l isfel u tagħmlu mal-warrani ta' wara"* (*a fol.* 68). Meta staqsieha x'kienet qed tagħmel, jixhed hekk: *"Qaltli: "l-mummy Rita qaltli biex nagħmel hekk u d-daddy Jes" għax ir-raġel tagħha Jesmond jismu"."* (*a fol.* 68).

- Is-*social worker* **Martina Testa** (*a fol.* 75 *et seq.*) tgħid li l-minuri tagħraf id-differenza bejn raġel u mara u rriferiet għal partijiet ġenitali taż-żewġ sessi b'*baby language*. Tgħid li l-minuri qalet li qatt ma misset u ħadd ma messilha l-parti ġenitali tagħha u *"ħadd qatt ma' għamlilha "mimi""* (*a fol.* 79).

- Fir-rapport (Dok. "CS 1" – *a fol.* 101 *et seq.*) redatt mill-**Psikologa Carmen Sammut** (*a fol.* 98 *et seq.*) hija tikkonkludi, fost l-oħrajn, hekk (*a fol.* 109): *"Mil-laqgħat li kelli, ma ħareġ xejn konkret li seta' jindika b'mod definittiv li l-minuri [...] ġiet abbużata sesswalment minn missierha William Micallef."*

- **Teresa Micallef** (mart il-*parte civile* William Micallef – *a fol.* 124 *et seq.*) xehdet li l-appellata kienet għamlet allegazzjoni ta' abbuż fuq it-tifla da parti ta' William. Tgħid li kienet taf li dan mhux vera għax it-tifla dejjem kienet tkun magħhom. Fil-<u>kontro-eżami</u> ċaħdet li kienet qalet hi lill-appellata li William Micallef kien qed jabbuża mit-tifla.

- Il-*counsellor* u *family therapist* **Jennifer Zammit** (*a fol.* 152 *et seq.*) tgid li l-appellata Rita Borg kienet marret għandha waħidha u bdiet tirrakkonta x'kienet qaltilha t-tifla dwar abbuż sesswali kif ukoll dwar daqqa ta' ponn fuq mneħirha.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u interpretat u applikat il-liġi b'mod żbaljat. Huwa jressaq diversi argumenti in sostenn ta' dan u dana sabiex din il-Qorti ssib lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li r-relazzjoni bejn l-appellata u l-*parte civile* William Micallef kienet sejra tajjeb b'dan illi skont Micallef f'xi punt f'din ir-relazzjoni l-appellata heddidtu li kien qed jabbuża mit-tifla tagħhom. In fatti l-appellata għamlet rapport lill-Pulizija dwar William Micallef li hu kien qed jabbuża mit-tifla.

Illi fl-opinjoni tal-Avukat Ġenerali jeżistu provi biżżejjed li l-appellata għamlet rapport meta hija kienet taf li l-abbuż ma sarx. Jisħaq li t-tifla qatt ma qalet lill-appellata li missierha kien abbuża minnha iżda li kienet l-appellata stess li instigat lit-tifla tgħid dan id-diskors. L-appellant jirreferi għal dak li qal il-*parte civile* Micallef meta bil-ġurament iddikjara li t-tifla qaltlu li kienet ommha l-appellata u r-raġel tagħha li qalulha biex tgħid li hu kien idaħħal subgħajh fil-parti ġenitali tagħha. L-appellant jisħaq ukoll li l-professjonisti mqabbdin mill-Qorti kollha qalu li t-tifla kienet innegat dak li kien irrapurtat l-appellata. Jirreferi għax-xiehda tas-*social worker* Martina Testa li rat it-tifla wara li l-omm saret taf bl-allegat abbuż. Huwa jirreferi wkoll għall-istqarrija tal-appellata minħabba t-trapass taż-żmien bejn meta seħħew l-allegati abbużi u meta kellmet l-avukat tagħha. Jisħaq li fi proċeduri kriminali l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tisma' l-opinjoni professjonali ta' xhud *ex parte* u li barra dan l-appellata kienet preżenti meta t-tifla tkellmet mal-esperta *ex parte*. L-appellant isostni li jissussistu l-elementi taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata.

Illi għar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, l-appellata ppreżentat Risposta fejn fiha hija ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni kien messha ppruvat li hija ffabrikat l-istorja dwar l-abbuż u riedet tipprova wkoll li hija kellha l-intenzjoni li tagħmel ħsara lil William Micallef u li kienet taf li dak li qed tirrapporta ma kienx minnu. Hija tagħmel riferenza għar-rapport tal-psikologa

Carmen Sammut fejn ingħad li Teresa Micallef (mart il-*parte civile*) qalet li t-tifla bdiet tmur id-dar tneħħi l-*panty* u bdiet tagħmel subgħajha quddiem u wara u tgħid: *"William għamilli hekk"*. Tisħaq li l-istess qalet hi (l-appellata) fl-istqarrija tagħha meta semmiet li Teresa Micallef kienet qaltilha li William Micallef kien qed jabbuża mit-tifla fil-kamra tal-banju. Tisħaq li meta Teresa Micallef xehdet hija nnegat li qatt qalet hekk u qalet li filfatt kien ġara l-kuntarju. Skont l-appellata din il-verżjoni ftit tista' titwemmen stante li wara Teresa Micallef bagħtet sms lilha bin-numru tagħha tad-dar biex tkun tista' ċċemplilha. Tisħaq li dan l-akkadut isaħħaħ il-kredibilita' tagħha (tal-appellata). Ma' dan hija żżid tgħid li hija kienet kkonfrontat lil William Micallef b'dak li qalet it-tifla u mhux qabdet u marret tagħmel rapport mal-ewwel. Dwar l-ammissibilita' *o meno* tax-xhud li skont l-Avukat Ġenerali l-Ewwel Qorti ma setgħetx tisma', tgħid li xhud *ex parte* huwa ammissibbli bħala xhud jekk huwa jkollu l-kwalifiki kollha sabiex jixhed dwar il-materja in kwistjoni. Tagħlaq ir-Risposta tagħha b'illi tgħid li f'ebda mument ma kienet ippruvata xiehda malizzjuża.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi minħabba li dak imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant jirrikjedi eżami approfondit tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti għamlet eżami mill-ġdid tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini jiġi nnutat li r-rwol ta' din il-Qorti huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu

prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law – Second Year, il-**Professur Sir Anthony Mamo** jgħid li l-elementi tal-kalunja huma s-segwenti:

- *accusation of an offence made to a competent authority;*
- *intent to harm the person accused;*
- *knowledge on the part of the accuser of the innocence of the person accused.*

Illi fl-istess Noti tiegħu hawn fuq imsemmija, il-**Professur Sir Anthony Mamo** jgħid is-segwenti:

"Now when the law in the definition of the crime under discussion speaks of "accusation" it refers to all or any of the several ways in which notice of an offence is given to the competent authority [...]

The false accusation made to the competent authority must be of an offence: that is to say, it must refer to a fact which has the character of a criminal wrong be it even a contravention. [...]

In our law which requires the intent to harm [..., the harm made] may consist merely in exposing the victim to the possibility of criminal proceedings being taken and punishment awarded against him. [...]

> [As to third element] the knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made, must be certain, so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation. The mere falsity in fact of the imputation without such knowledge is not sufficient, because as we have already said, such falsity may be involuntary and not therefore malicious, as in the case of an informer who imputes an offence to a person whom he, in truth, believes to be guilty."

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Espert Forensiku Dr. Mario Scerri li ġie nkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti għamel eżami medikolegali fuq it-tifla fit-2 ta' Mejju 2013 u huwa ppreżenta r-rapport tiegħu fit-2 ta' Ottubru 2013. Mill-istqarrija magħmula mill-appellata fil-25 ta' Settembru 2014 jirriżulta li Dr. Mario Scerri kien kellem lill-appellata l-iSptar fejn it-tabib qalilha li t-tifla ma kellha xejn. Dan juri li l-appellata kienet taf x'qalilha Dr. Mario Scerri diversi xhur qabel u li hija diġa' kellha informazzjoni awtorevoli li ma kienx hemm provi mediċi b'rabta ma' dak li qalet hi.

Illi l-esperti mqabbdin mill-Qorti tal-Familja kif ukoll is-*social worker* imkien ma kkonkludew li l-*parte civile* William Micallef kien għamel xi wieħed mill-atti attribwiti lilu. Mix-xiehda tas-*social worker* Martina Testa jirriżulta li t-tifla kienet tkun imġegħla tgħid ċertu kliem minn ommha l-appellata u żewġha. In fatti Testa xehdet hekk (*a fol.* 78):

> "Hija [it-tifla] rsistiet li qatt ma misset u ħadd ma missilha l-parti ġenitali tagħha u ħadd qatt ma għamillha mimmi. [...] Hi rsistiet li ħadd qatt ma miss il-parti ġenitali tagħha u lanqas hi qatt ma misset il-parti ġenitali ta' xi ħadd. Meta jien staqsejtha jekk ġie li rat parti privata ta' xi ħadd hi qalet li rat il-parti privata tal-mama tagħha minħabba li kienet qed tinħasel. [...] Pero' l-minuri m'għamlet l-ebda riferenza għas-Sur Micallef

> jiġifieri fl-ebda mument ma semmiet lil missierha u rsistiet li ħadd qatt ma messilha l-parti privata tagħha."

Illi fix-xiehda tagħha, il-Psikologa Carmen Sammut qalet hekk ( *fol.* 99 *et seq.*):

> "[...M]a kienx hemm affarijiet li bniedem jista' jikkonkludi li kien hemm abbuż sesswali fis-sens li t-tifla ġiet imbagħbsa."

Illi fir-rapport tagħha (Dok. "CS 1" – *a fol.* 102 *et seq.*), il-Psikologa Carmen Sammut ikkonkludiet, fost l-oħrajn, hekk (*a fol.* 109):

> "Dak li qal Jesmond Borg, f'sens ta' mġiba qisha "French kiss", kif ukoll ċerta aspetti ta' l-istejjer li ġew rakkontati, jekk jista' jinftiehem li jindika xi ħaġa hija aktar li jista' jindika li forsi t-tifla setgħet osservat xi ħaġa tal-kbar, għax hemm elementi li qieshom iktar jindikaw imġieba sesswali adulta minn ħaġa oħra."

Illi l-Psikoterapista David Grillo (espert ieħor imqabbad mill-Qorti tal-Familja) qal li kien ippreżenta r-rapport tiegħu f'Jannar 2012 u kien iltaqa' ma' allegazzjoni li seta' kien hemm xi abbuż sesswali imma hu kien leħaq għadda r-rapport fejn kien qal li l-aċċess tat-tifla għal missierha (William Micallef) ma kienx jinħtieġ superviżjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li waqt id-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* William Micallef saret riferenza għal att li kienet għamlet it-tifla quddiemu. Huwa xehed hekk (*a fol.* 68):

> "Qaltli [it-tifla]: *"Int tagħmilli hekk"*. Għidtilha: *"Imxi miegħi għand il-Police ħa tgħidlu min jagħmillek hekk"*. Qaltli: *"l-mummy Rita qaltli biex nagħmel hekk u d-daddy Jes"* għax ir-raġel tagħha jismu Jesmond Borg."

Illi huwa jgħid li mbagħad kien għamel rapport l-Għassa. Huwa sinjifikanti wkoll li jekk wieħed jieħu d-dati mill-stqarrija tal-

appellata stess jidher li l-appellata damet ma ħadet passi billi tirraporta u jidher li r-rapport tagħha sar fl-istess żmien ta' meta William Micallef għamel ir-rapport tiegħu.

Illi x-xiehda msemmija hawn fuq qatt ma kienet kontradetta għaliex l-appellata għażlet, bħalma kellha kull dritt li tagħmel, li ma tixhidx f'dan il-proċess. Hija ressqet in difeża lill-*counsellor family therapist* Jennifer Zammit. Dwar dan din il-Qorti tinnota li skont Artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-esperti jintgħażlu mill-Qorti u ma jistgħux ikunu *ex parte*. Jirriżulta li l-appellata marret għand din l-esperta wara li qaltilha tagħmel hekk l-avukat tagħha. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li mid-depożizzjoni mogħtija minn Zammit jirriżulta li l-appellata marret waħidha jew meta marret bit-tifla ommha kienet preżenti. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti qrat b'attenzjoni kbira dak li qalet din ix-xhud sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha.

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm tagħha d-difiża kkontendiet hekk (*a fol.* 193):

> "[...H]emm sms fejn jirriżulta li s-sinjura Micallef tat, bagħtet sms lill-appellata bin-numru tat-telefon tagħha biex tkun tista' ċċemplilha. Persuna li qed tgħid li l-appellata qed tallega li r-raġel tagħha għamel abbuż huwa normali li tagħti t-*telephone number* biex hi tkun tista' ċċemplilha? Meta din l-istess persuna qed tgħid li qed idejjaqha ċċempel u taqta'?"

Illi dwar dak li ġie appena ċċitat din il-Qorti sabet risposta sodisfaċenti fix-xiehda ta' Teresa Micallef stess li qalet li għamlet hekk għaliex kienet qed taħlilha *card* sħiħa kull meta kienet qed iċċemplilha.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li r-rapport tal-appellata kien wieħed leġittimu għax kien mibni fuq dak li allegatament qalet it-tifla. Din il-Qorti terġa' tinnota li t-tifla rsistiet li ħadd qatt ma mess il-ġenitali tagħha. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li jirriżulta li hemm ċerti xiehda li juru li t-tifla

kellha suġġerimenti x'għandha tgħid u tagħmel minn naħa tal-appellata.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tistax tqis li r-rapport tal-appellata kien rapport leġittimu għax jidher mix-xiehda ġuramentata tal-*parte civile* William Micallef li t-tifla kienet qed tgħid ċerta kliem u tagħmel ċerti atti minħabba direzzjoni mill-appellata. Għalhekk mill-atti proċesswali jirriżulta li saret akkuża lill-awtorita' (lill-Pulizija) dwar reat (korruzzjoni ta' minorenni). Il-Qorti tinnota li l-persuna akkużata ħadet azzjoni billi marret għand il-Pulizija. Minn dan isegwi t-tieni element ta' dan ir-reat – l-intenzjoni li ssir ħsara lil persuna akkużata. L-intenzjoni tirriżulta mir-rapport li sar lill-Pulizija għaliex dan kien hemm il-possibilita' li jittieħdu passi kontra l-persuna akkużata. Din il-possibilita' hija biżżejjed biex tissodisfa dan l-element. Fl-aħħarnett, ġialadarba l-appellata filwaqt li kienet qed tagħmel ir-rapport kienet taf minn fejn ġej ċertu kliem attribwit lit-tifla, hija kienet taf li William Micallef kien innoċenti. B'hekk ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti li ma sabitx lill-appellata ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata kontra tagħha.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellata, din il-Qorti tinnota li tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq isegwi li l-appellata kellha tinstab ħatja ta' dik il-parti tal-imputazzjoni msemmija fejn hija ġiet akkużata li *"iddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx"* u b'hekk l-Ewwel Qorti anqas kienet korretta meta ma sabithiex ħatja ta' hekk.

Illi b'hekk isegwi li l-appell tal-Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ bil-mod kif hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk billi:

- tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha u minflok, wara li rat Artikoli 101(1)(a) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-appellata ħatja taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha (bit-tieni (2) imputazzjoni tkun kompriża u involuta fl-ewwel (1) waħda *ai termini* ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u, wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettiex reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

  Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**